MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2012

Numru 357/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Walter Spiteri)**
**(Spt. Raymond Cassar)**
**vs**
**Clayton Joseph Polidano**
**Joseph Polidano**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra –

**Clayton Joseph Polidano** ta’ 22 sena, bin Joseph u Benedetta nee’ Debono, mwieled Pieta’ fil-5 ta’ Dicembru, 1983, reisdenti Block 4, Flat 3, Triq il-Fieres, Kirkop u detentur tal-karta tal-identita’ Maltija 20084M,

**Joseph Polidano** ta’ 49 sena, bin Eugenio u Ludgarda nee’ Seguna, mwieled Pieta nhar l-14 ta’ Dicembru, 1956,

residenti Block 4, Flat 3, Triq il-Fieres, Kirkop u detentur tal-karta ta’ l- identita’ Maltija bin-numru 822056(M);

1. Talli fis-16 t’April, 2006 ghall-habta tat-8.30pm, fi Triq Blue Grotto, Zurrieq, bil-hsieb li joqtlu lil Robert Chetcuti, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom;

2. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi hebbew u ikkagunaw diversi feriti fuq il-persuna ta’ Robert Chetcuti skond kif iccertifikati minn Dr. K. Falzon MD tal-Isptar San Luqa;

3. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi kissru l-bon ordni u l-paci pubbliku b’ghajjat, glied jew mod iehor;

Lil Clayton Polidano wahdu;

4. talli fis-16 t’April, 2006 fi Triq Blue Grotto, Zurrieq, bil-hsieb li jaghmel feriti gravi fuq il-persuna ta’ Fiona Cassar, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu;

5. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq vettura ta’ ghamla Hyundai Lantra bin-numru tar-registrazzjoni AAO-965 ghad-detriment ta’ Robert Chetcuti u vettura tal-ghamla Isuzu Gemini bin-numru tar-registrazzjoni CBA-923 ghad-detriment ta’ Joseph Polidano, liema hsara teccedi il-hames mitt lira Maltin.

6. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi saq vetura CBA-923 minghajr licenzja tas-sewqan u talli ma kienx kopert b’polza tas-sigurta’ ghar-riskji kontra terzi persuni;

7. u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi saq vettura CBA-923, b'manjiera perikoluza u traskurata u bla kont u b'velocita' eccessiva;

8. u aktar talli kiser il-provediment ta' sentenza ta' prigunerija ghal sentejn, sospiza ghal erba' snin, moghtija lilu fit-13 t'Ottubru, 2004 mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D

Lil Joseph Polidano wahdu;

9. Talli sar recidiv b'sentenzi li saru definittivi moghtija lilu mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fit-12 ta' Frar, 1999, fis-16 ta' Settembru, 1999 mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D u fid-19 t'April, 2001 moghtija lilu mill-Qorti tal-Appelli Kriminali.

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali tas-26 ta' Settembru 2008 li bih baghat lill-imputati sabiex ikunu gudikati minn din il-Qorti ghal dak mahsub fis-segwenti artikoli:

Fil-konfront ta' Clayton Joseph Polidano: fl-artikoli 41(1)(a), 218, 216 tal-Kap 9; 338(dd), 339(1)(d), 325, 28B, 533 tal-Kap 9, 15(1)(a) tal-Kap 65 u 3(1)(2) tal-Kap 104;

Fil-konfront ta' Joseph Polidano: fl-artikoli 41(1)(a), 218, 216 tal-Kap 9, 338(dd), 339(1)(d), 49, 50 u 533 tal-Kap 9

Rat l-verbal tas-seduta tas-6 t'Ottubru 2008 fejn l-imputati iddikjaraw li ma kellhom ebda oggezzjoni li l-kaz kontra taghhom ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Semghet ukoll l-ammissjoni kwalifikata tal-imputati kif registrata fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Kif inhu evidenti minn ezami tal-atti, din il-kawza inizjat b'akkuzi ta' attentat ta' omicidju izda fil-mori l-avukat generali biddel l-akkuzi f'attent ta' feriti gravi kif jemergi fir-rinviju citat *supra*. Fl-ahhar seduta l-imputati ammettew l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom naturalment kif ravvizati fl-istess rinviju tal-avukat generali u mhux skond l-akkuza li originarjament tressqu dwarha b'dan illi ammettew ghall-attentat ta' feriti gravi skond l-artikolu 216 u mhux l-artikolu 218 ghaliex din kienet akkuza li inghatat b'mod alternattiv ghall-artikolu 216. Il-prosekuzzjoni irrimetiet ruhha dwar dan. Ezaminati l-provi, l-Qorti semghet kif dan l-incident inqala' proprju fuq xejn meta l-kwerelant semplicement talab lill-imputat Clayton Joseph Polidano sabiex imexxi l-vettura tieghu ftit 'l quddiem sabiex ikun jista' jipparkja b'mod li ma jostakolax it-triq meta allura ghal xi raguni u b'mod istantanju dan ta' l-ahhar hareg mill-vettura ta' daqqa ta' flixkun f'wicc il-kwerelant li ddefenda ruhu u laqat lill-agressur. Meta missier Clayton Joseph ra dan kollu irreagixxa billi dahal ukoll fil-glieda. Meta l-kwerelant xehed quddiem din il-Qorti, fehem illi dan kollu inizzja minhabba li l-imputat Clayton Joseph kien ghadu zghir u forsi kellu temperament qawwi izda minkejja li ssubixxa griehi huwa hafer lill-imputati u mat-trapass taz-zmien saru ukoll hbieb. L-akbar ferita li sofra l-imputat kienet tbengila f'ghajnejh li ghalkemm seta kellha konsegwenzi serji, din fieqet wara ftit jiem u llum m'hu qed isofri l-ebda konsegwenzi. Ghalkemm din il-Qorti semghet ukoll kif Clayton Joseph Polidano saq ghal fuq il-kwerelant u l-partner tieghu kif ukoll saq ghal fuq il-vettura tal-kwerelant u ghamlilha hsara konsiderevoli, l-avukat generali ghazel illi ma jipprocedix b'akkuzi ta' attentat t'omicidju u ghalhekk l-incident qed ikun ezaminat mill-ottika ta' wiehed ferm anqas gravi milli inizjalment prevvist. Il-provi jiddemostraw biss illi l-azzjoni tal-imputati setghew jikkawzaw d-debulizzi fis-sahha tal-kwerelant kif ravvizati fl-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali Kap 9 u ma hemm xejn li juri li fil-fatt kienu kawzati l-effetti ravvizati fl-artikolu 218. Din il-Qorti ghalhekk qed taccetta l-ammissjoni dwar l-akkuzi kollha hlief ghal dik ravvizata fl-artikolu 218 li dwarha tiddikjara li ma hemmx htija.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti qed issib lill-imputati hatja: fil-konfront ta' Clayton Joseph Polidano, fl-artikoli 41(1)(a), 216, 338(dd), 339(1)(d), 325, 28B, 533 tal-Kap 9, 15(1)(a) tal-Kap 65 u 3(1)(2) tal-Kap 104; u fil-konfront ta' Joseph Polidano, fl-artikoli 41(1)(a), 216, 338(dd), 339(1)(d), 49, 50 u 533 tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali ta' kull imputat;

Tittratta mal-impuati bil-mod segwenti:

Fil-konfront ta' Clayton Joseph Polidano kwantu l-akkuzi kontra l-artikoli 216 (fl-attentat tieghu art 41) u 325, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien tlett (3) snin mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446, tikkundannah ghall-ammenda ta' sittin (60) euro kwantu l-artikoli 338(dd) u 339(d), multa ta' elfejn tlett mija disa u tletin euro u seba u tletin centezmu (€2329.37) dwar ksur tal-artikoli 15(1)(a) Kap 65 u 3(1)(2) tal-Kap 104 u tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzji tas-sewqan ghal zmien sena (1) mil-lum. Inoltre testendi t-terminu impost bis-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2004 (Qorti tal-Magistrati per Onor. Magistrat Dr. Miriam Hayman) bi zmien sentejn ulterjuri mil-lum;

Fil-konfront ta' Joseph Polidano, kwantu l-akkuzi kontra l-artikoli 216 (fl-attentat tieghu art 41) u 325, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien tlett (3) snin mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446, tikkundannah ghall-ammenda ta' sittin (60) euro kwantu l-artikoli 338(dd) u 339(d).

Il-Qorti ma applikatx id-dispost tal-artikolu 28B stante illi hi tal-fehma illi dan kien jaggrava serjament lill-imputat Clayton Joseph Polidano fit-triq tieghu biex jirrabilita ruhu.

Tikkundannahom solidament bejniethom ihallsu l-ispejjez inkorsi fil-hatra ta' l-espert forensiku Dr. Mario Scerri.

Il-Qorti spjegat ukoll l-obbligi tal-imputati naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------